17 ta' Mejju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Tereza Caruana *versus* Giuseppe Caruana

**Mara — Alimenti Provviżorji — Titolu — Eżekuzzjoni — Digriet — Kanonizzazzjoni — Proċedura — Spejjeż Ġudizzjarji — Rikonċiljazzjoni Rinunzja**

*Digriet ta' alimenti provviżorji huwa, skond* ***il-liġi, titolu eżekuttiv;*** *u għalhekk il-mara li favur tagħha ġie* ***mogħti dak id-digriet***

*għandha titolu suffiċjenti, u ma għandhiex bżonn ta' titolu ieħor biex teżegwixxi l-istess digriet. Imma dan ma jfissera li minħabba f'hekk il-mara ma tistax titlob il-kundanna tar-raġel biex iħallasha l-alimenti msemmijin f'dak id-digriet, jew illi dik il-proċedura hija, almenu għal kollox, inutili; għax skond il-ġurisprudenza tagħna ma hemm ebda ostakolu għad-domanda tal-kreditur għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, għalkemm ikollu ġa titolu ieħor; b'dana, però, illi, meta jagħmel il-proċedura tal-kanonizzazzjoni, li hi aktar dispendjuża, hu għandu jħallas l-ispejjeż differenzjali li jikkaġuna lid-debitur bil-proċedura aktar dispendjuża li huwa jkun għażel.*

*Billi l-miżżewġin, fil-kors tal-kawża fejn ġie mogħti d-digriet tal-alimenti provviżorji, imorru joqgħodu flimkien fuq rakkomandazzjoni tal-Qorti biex jaraw jistgħux jaslu għal xi rikonċiljazzjoni, il-mara ma tiġix li titlef l-effetti tad-digriet, jew li rrinunzjat għal dawk l-effetti, jekk dak it-tentattiv ta' rikonċiljazzjoni ma jirnexxix u hija terġa titlaq id-dar konjugali. F'dan il-każ, hija tista' taġixxi kontra r-raġel għall-alimenti li ġew lilha dekretati bid-digriet ta' qabel.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi b'digriet ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 1954, mogħti fil-kawża fl-ismijiet "Teresa Caruana propio et nomine vs. Giuseppe Caruana", il-konvenut ġie kundannat iħallasha l-alimenti provviżorji bir-rata ta' £2.9.0 fil-ġimgħa mid-data tad-digriet bil-quddiem, kwantu għal £2.2.0 għaliha stess, u 7s. għal bintha minuri Salvina Caruana; u illi l-konvenut bagħtilha xi oġġetti neċessarji għall-għajxien tat-tarbija biex jadempixxi l-obligu tiegħu li jmantni din it-tarbija, però ma tahiex l-alimenti għaliha stess bir-rata ġa msemmija ta' £2.2.0 mill-iskadenza tat-8 ta' Jannar, 1955 'l hawn, u għalhekk sal-lum għandu jagħtiha l-alimenti tagħha għal ħdax il-skadenza, li jammontaw għal £23.2.0; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallasha s-somma fuq indikata ta' £23.2.0 bħala alimenti arretrati li l-konvenut ġie kundannat iħallasha għaliha skond id-digriet tat-30 ta' Ottubru, 1954, fuq imsemmi. Bl-ispej-

jeż kontra l-konvenut, li ġie ingunt biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta illi biċ-ċitazzjoni numru 32/54 l-attriċi intentat kawża kontra l-konvenut biex dana jissomministralha l-alimenti, għaliha u għal bintha minuri Salvina. Fit-trattazzjoni ta' dik il-kawża, u preċiżament fit-28 ta' Ottubru, 1954, l-attriċi talbet illi jiġu dekretati l-alimenti provviżorji, għaliha u għall-imsemmija bintha; u l-Qorti laqgħet it-talba, u fit-30 ta' Ottubru, 1954, wara illi kkunsidrat illi, sakemm jiġi aċċertat jekk l-attriċi kellhiex kawża ġusta biex tabbanduna d-domiċilju konjugali, kien meħtieġ illi l-konvenut imantni lill-martu u lill-bintu, ikkundannat lill-istess konvenut jissomministra pensjoni alimentarja "pendente lite" ta' £2.9.0 fil-ġimgħa lill-attriċi, kwantu għal £2.2.0 għaliha u kwantu għal 7s. għal bintha Salvina. Jirriżulta wkoll illi l-Qorti għamlet rakkomandazzjoni qawwija biex il-kontendenti jerġgħu jmorru fid-dar konjugali u jippruvaw jekk kienux jistgħu jgħixu flimkien; u fuq din ir-rakkomandazzjoni, imsaħħa bil-ko-operazzjoni tad-difensuri tagħhom, il-kontendenti effettivament marru flimkien f'dik id-dar. Huma qagħdu flimkien xi sitt ġimgħat, imma f'dan il-perijodu dejjem kien hemm xi raġuni ta' inkwiet bejniethom, b'mod illi l-prova li kienet ġiet rakkomandata mill-Qorti ma kellhiex riżultat ta' suċċess; u l-attriċi, f'Jannar, 1955, reġgħet ħalliet id-dar konjugali. Minn mindu telqet dik id-dar, il-konvenut bagħat regolarment lill-attriċi xi oġġetti meħtieġa għall-għajxien ta' bintu Salvina minflok is-somma ta' 7s fil-ġimgħa, imma ma bagħtilha xejn għall-manteniment tagħha. Għalhekk l-attriċi intentat din il-kawża;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Illi, kif sewwa jgħid il-konvenut, id-digriet imsemmi fiċ-ċitazzjoni jikkostitwixxi skond il-liġi titolu eżekuttiv, u għalhekk l-attriċi għandha titolu eżekuttiv suffiċjenti, u ma għandhiex bżonn ta' titolu ieħor biex teżegwixxi l-imsemmi digriet. Imma dan ma jfisserx, kif jissottometti l-konve-

nut, illi minħabba f'hekk din il-kawża hija inutili, almenu għal kollox, u ma kellhiex għalfejn issir. Tabilħaqq, jinsab stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna illi ma hemm ebda ostakolu għad-domanda tal-kreditur għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, għalkemm ikollu titolu ieħor; biss meta jagħmel il-proċedura tal-kanonizzazzjoni, li hi aktar dispendjuża, huwa għandu jħallas l-ispejjeż differenzjali li jikkaġuna lid-debitur bil-proċedura aktar dispendjuża li huwa jkun għażel (Vol. XXIX-III-310; XXXI-III-217);

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi ma jistax jingħad mal-konvenut illi, meta huwa u l-attriċi marru joqgħodu flimkien fuq rakkomandazzjoni tal-Qorti, billi l-attriċi ma rċevietx mingħand il-konvenut ir-rata kif ġiet stabbilita provviżorjament mill-Qorti, hija ġiet illi rrinunzjat għall-effetti ta' l-istess digriet. Ma jirriżultax illi l-attriċi għamlet xi rinunzja, la espressa u lanqas taċita, għall-effetti ta' l-imsemmi digriet. Ġie pruvat illi mill-bidunett li l-kontendenti reġgħu marru flimkien kien hemm inkwiet bejniethom, u dan l-inkwiet kien appuntu dovut prinċipalment għaliex l-attriċi ma riedetx tirċievi mingħand il-konvenut ir-rata ta' alimenti li huwa kien jagħtiha, għaliex l-istess ma kienetx isserviha għall-manteniment tal-familja kollha, jiġifieri għaliha u għall-bintha, u għall-istess konvenut. L-attriċi ma rrinunzjatx għall-effetti tad-digriet, imma ppruvat, u għal żmien pjuttost twil, issegwi r-rakkomandazzjoni tal-Qorti u tmur tgħix mal-konvenut; imbagħad dehrilha, tajjeb jew ħażin, illi ma kellhiex tkompli dik il-prova;

Illi l-attriċi qegħdha titlob is-somma ta' £23.2.0 dovuta lilha mingħand il-konvenut in forza ta' l-imsemmi digriet, mit-8 ta' Jannar sad-19 ta' Marzu, 1955, inklużivament. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jammetti illi minn Jannar, 1955, il hawn lill-attriċi ma taha xejn bħala alimenti biex iservu għaliha. Għalhekk it-talba ta' l-attriċi tirriżulta ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi (1) tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u (2) tilqa' t-talba ta' l-attriċi. L-ispejjeż jitħallsu b'dan il-mod: in kwantu għall-ammont li kien ikun taxxat kieku l-attriċi

għażlet il-proċedura għall-eżekuzzjoni tad-digriet, mingħand il-konvenut; in kwantu għall-eċċess ta' dak l-ammont, billi hija għażlet il-proċedura tal-kanonizzazzjoni, mingħand l-attriċi.

---